StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Ro

**IR-RABA' SENA L-ISTORJA (ĠENERALI) IL-ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**L-ilsem: ________________________ Il-Klassi: ____________**

**1. Ħares sewwa lejn dawn l-istampi u wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**

1.1 Agħmel ĊIRKU madwar ĦAMSA mill-istampi ta' hawn taħt li kienu jeżistu fis-SEKLU 19 meta Malta kienet taħt l-Ingliżi.













(5 x 1 = 5 marki**)**

1.2 Għamel ċirku madwar TLIETA minn dawn is-suldati kienu ta' żmien il-ħakma Ingliża f'Malta.








(3 x 1 = 3 marki)

**(Total: 8 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**2. Ikteb IVA jekk dawn l-affarijiet kienu jeżistu fid-djar Maltin fl-1900, u LE għal d[...] l-affarijiet li ma kontx issibhom. L-ewwel tnejn huma mogħtija bħala eżempju.**

| | | |
|---|---|---|
| 2.1 | magna tal-ħjata | IVA |
| 2.2 | *cooker* tal-elettriku | LE |
| 2.3 | qoffa tal-qasab | |
| 2.4 | satellita | |
| 2.5 | pupa taċ-ċarruta | |
| 2.6 | għonnella | |
| 2.7 | sapuna tal-ħasil | |
| 2.8 | kompjuter | |
| 2.9 | arloġġ | |
| 2.10 | radju | |
| 2.11 | lampa tal-gass | |
| 2.12 | nuċċali tal-vista | |

**(Total: 10 marki)**

**3. Agħżel il-kelma t-tajba dwar l-ewwel snin tal-ħakma Ingliża f'Malta.**

3.1 Il-Gżejjer Maltin waqgħu f'idejn l-Ingliżi fil-bidu tas-seklu (*sbatax, tmintax, dsatax*).

3.2 Il-mexxejja Maltin riedu li l-Ingliżi jagħtuhom (*kunsill popolari, bandiera nazzjonali,, l-indipendenza*).

3.3 Fl-ewwel snin taħt l-Ingliżi l-Port il-Kbir sar ċentru (*għas-sajd, għall-kuntrabandu, għall-piraterija*).

3.4 Fis-seklu 19 bosta Maltin bdew jemigraw lejn (*l-Amerika, l-Indja, l-Afrika ta' Fuq*).

3.5 Fl-1813 Malta saret uffiċjalment (*bażi, provinċja, kolonja*) Ingliża.

3.6 L-ewwel Gvernatur Ingliż f'Malta kien (*Lord Nelson, Sir Thomas Maitland, Alexander Ball*).

3.7 Fl-1813 il-kummerċ ħa daqqa kbira 'l isfel minħabba l-epidemija tal-(*kolera, ġidri, pesta*).

3.8 Fl-1849 l-Ingliżi taw lill-Maltin id-dritt (*tal-vot, taċ-ċittadinanza, tal-libertà tal-istampa*).

**(Total: 8 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**4. Ħares lejn dawn is-sorsi dwar l-istorja tat-trasport pubbliku f'Malta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



**Sors A**



**Sors B**



**Sors C**



**Sors D**

4.1 Uża numri minn **1 sa 4** biex turi kif dawn il-mezzi ta' trasport daħlu f'Malta. Ibda min-numru 1 għall-aktar antik. (4)

| | |
|---|---|
| il-karozza tal-linja | |
| l-omnibus | |
| il-ferrovija | |
| it-tramm | |

4.2 Liema mezz ta' trasport kien jaħdem bl-**elettriku**? ____________________ (1)

4.3 Liema mezz ta' trasport kien jaħdem bil-**magna tal-istim**? ____________________ (1)

4.4 Liema mezz ta' trasport kien jaħdem bid-**diżil**? ____________________ (1)

4.5 Għaliex is-servizz tal-ferrovija kellu jieqaf għal kollox fl-1931?

________________________________________________________________________ (1)

**(Total: 8 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. **Ikteb VERU jew FALZ għal dawn is-sentenzi.**

| | | |
|---|---|---|
| 5.1 | L-Ingliżi daħħlu f'Malta l-libertà tal-istampa. | |
| 5.2 | Il-ftuħ tal-Kanal ta' Swejz ġab ħafna xogħol għall-Maltin. | |
| 5.3 | Id-deni rqiq kienet marda kkawżata minn nuqqas ta' ndafa. | |
| 5.4 | Fl-Ewwel Gwerra Dinjija Malta kienet attakkata mill-Ġermaniżi. | |
| 5.5 | Ix-xogħol tal-qoton f'Malta kompla jiżdied ġmielu matul is-seklu 19. | |
| 5.6 | Malta kisbet l-Indipendenza mill-Ingilterra fl-1964. | |

**(Total: 6 marki)**

6. **Imla l-vojt bil-kliem li joqgħod dwar il-ġrajja tas-*Sette Giugno* 1919.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *nazzjonali* | *Ingliżi* | *Assemblea* | *ekonomika* | *funeral* |
| *Gwerra* | *Maltin* | *tarzna* | *lokali* | *tipprotesta* |

Ftit xhur wara t-tmiem tal-Ewwel ___________ Dinjija, il-mexxejja Maltin iltaqgħu fl- ______________ Nazzjonali fil-Belt Valletta. Dawn talbu lill-Ingliżi jagħtu lill-Maltin Gvern responsabbli f'affarijiet _______________. Il-qagħda _____________ tal-Maltin kienet waħda ħażina ħafna. Il-qgħad kien kiber peress li l-Ingliżi keċċew ħafna ħaddiema mit- ______________. Fis-7 ta' Ġunju folla nies irrabbjata daħlet il-Belt biex ______________ kontra l-Ingliżi. Xi suldati ____________ sparaw fuq il-folla u qatlu erba' rġiel _____________. Il-Maltin organizzaw ______________ solenni f'ġieħ il-vittmi li ġew meqjusa bħala eroj. Din il-ġrajja llum baqgħet imfakkra bħala waħda mill- jiem ______________ ta' Malta.

**(Total: 10 marki)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**7. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi dwar id-difiża ta' Malta mill-Ingliżi u wa il-mistoqsijiet dwarhom.**



Sors E



Sors F



Sors G

7.1 Is-sorsi hawn fuq huma dwar id-difiża ta' Malta mill-Ingliżi fis-seklu (*18, 19, 20*). (1)

7.2.1 Sors E juri ____________ li jiżen 100 tunnellata li jinsab fil-Forti ______________ (2)

7.2.2 Għaliex dan tqiegħed f'din il-forti? ________________________________________

________________________________________________________________________ (1)

7.3.1 Sors F juri parti mill- __________________________ li l-Ingliżi bnew bejn il-Madliena

u Binġemma u li ssemmew għar- ________________ tal-Gran Brittanja. (2)

7.3.2 Għaliex l-Ingliżi bnew dan il-ħajt? ________________________________________

________________________________________________________________________ (2)

7.3 Sors G juri suldati (*Maltin, Ingliżi, Franċiżi*) waqt (*taħriġ, attakk, għassa*) fuq dan il-ħajt. (2)

7.4.1 Kif l-invenzjoni tal-ajruplan fl-1903 affettwat ħażin din is-sistema ta' difiża?

________________________________________________________________________ (1)

7.4.2 X'sar minn ħafna minn dawn il-fortifikazzjonijiet fis-snin ta' wara l-Ewwel Gwerra Dinjija?

________________________________________________________________________ (1)

7.5.1 X'beda jsir lill-fortifikazzjonijiet f'dawn l-aħħar snin u għaliex?

________________________________________________________________________ (1)

7.5.2 Liema **tnejn** minn dawn qed jieħdu ħsieb uħud minn dawn il-fortifikazzjonijiet?

(*Sedqa, Nature Trust, Fondazzjoni Wirt Artna, Din l-Art Ħelwa, Caritas*) (2)

**(Total: 15-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**8. Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

Keenan lesta r-rapport tiegħu fl-1879. Il-pubblikazzjoni tar-rapport ġabet ferment kbir f'Malta. **Sigismondo Savona** waqqaf partit politiku, bl-isem ta' **Riformisti**, favur is-suġġerimenti ta' Keenan dwar il-lingwa u l-edukazzjoni. Ftit xhur wara, fl-1880 il-Gvernatur neħħa lil-**Paolo Pullicino** minn Spettur tal-Iskejjel Primarji. Floku għamel lill-istess Savona bħala l-ewwel Direttur tal-Edukazzjoni. Minnufih grupp ieħor ta' Maltin immexxija mill-Avukat **Fortunato Mizzi** waqqfu l-**Partit Anti-Riformista** biex iħarsu l-lingwa Taljana. Fl-elezzjoni ġenerali li saret fl-1883, l-Anti-Riformisti rebħu sebgħa minn tmien siġġijiet fil-**Kunsill tal-Gvern**. Dan kienet il-bidu ta' kwistjoni li kellha tħalli effetti kbar fuq l-edukazzjoni u l-politika f'Malta li baqgħet sejra sal-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija.

8.1 Min kien Keenan u għaliex kien ġie Malta? ____________________

____________________________________________ (2)

8.2 X'kien għamel Sigismondo Savona fl-1879 u għaliex?

____________________________________________

____________________________________________ (2)

8.3 Minn kien Paolo Pullicino? Għaliex il-Gvernatur kien neħħieh mill-kariga li kellu?

____________________________________________

____________________________________________ (2)

8.4 Liema partit politiku waqqaf Fortunato Mizzi fl-1880 u għaliex?

____________________________________________

____________________________________________ (2)

8.5 Kif kien ir-riżultat tal-elezzjoni ġenerali li saret fl-1883?

____________________________________________ (1)

8.6 Liema **tliet** lingwi kienu mitkellma hawn Malta f'dak iż-żmien?

______________ ______________ ______________ (3)

8.7 Kif baqgħet magħrufa din il-kwistjoni fl-istorja?

____________________________________________ (1)

8.8 L-ilsien Malti sar wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' Malta fl-(*1880, 1921, 1934, 1964*). (1)

8.9 X'kien il-Kunsill tal-Gvern li jissemma fis-silta? ____________________

____________________________________________ (1)

**(Total: 15-il marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**9. Agħżel TNEJN minn dawn it-temi. Fuq kull wieħed minnhom ikteb fit-tul inqas minn TMIEN sentenzi).**

9.1 Id-difiża ta' Malta fis-seklu 19
9.2 Mard qerriedi li kien hawn f'Malta fis-seklu 19.
9.3 L-emigrazzjoni tal-Maltin fis-seklu 19 u 20.
9.4 Xogħlijiet fil-Port il-Kbir fi żmien l-Ingliżi.
9.5 Is-sehem ta' Malta fl-Ewwel Gwerra Dinjija.
9.6 Is-sehem ta' Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija.

**(Total 10 x 2 = 20 marka)**

Paragrafu 1

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

Paragrafu 2

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers